**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2024/0276(CNS)**

12.12.2024

*****

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni
(COM(2024)0497 – C10-0169/2024 – 2024/0276(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Aurore Lalucq



*Magħquda fid-diversità*

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW..........5

NOTA SPJEGATTIVA ......................................................................................................6

# ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (COM(2024)0497 – C10-0169/2024 – 2024/0276(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2024)0497),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 113 u 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0169/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 84 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0000/2024),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill jerġa’ jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b’mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

## NOTA SPJEGATTIVA

Fis-7 ta’ Novembru 2024, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament dwar proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni[1] (DAC9).

Il-proposta DAC9 hija marbuta mill-qrib mad-Direttiva dwar il-Pilastru 2 tal-2022, li għandha l-għan li tiżgura livell minimu globali ta’ tassazzjoni għal gruppi ta’ intrapriżi multinazzjonali (MNEs) u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-UE.

Il-proposta għandha l-għan li tissimplifika l-proċess tal-preżentazzjoni u tnaqqas il-piż amministrattiv għall-MNEs fejn jidħlu l-obbligi ta’ rapportar tagħhom skont id-Direttiva dwar il-Pilastru 2. Għal dan l-għan, hija tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-awtoritajiet u tintroduċi formola standard, f’konformità ma’ dik żviluppata mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20, li l-MNEs u l-gruppi domestiċi fuq skala kbira (LSDGs) se jkollhom jużaw biex jirrapportaw ċerta informazzjoni relatata mat-taxxa. Dawn iż-żewġ elementi huma prerekwiżiti skont l-Artikolu 44 tad-Direttiva dwar il-Pilastru 2 għall-applikazzjoni tar-regoli simplifikati għall-obbligi ta’ rapportar, li jippermettu preżentazzjoni ċentrali minn entità deżinjata f’isem il-grupp kollu minflok preżentazzjoni individwali minn kull entità kostitwenti.

Mingħajr il-proposta DAC9, kull kumpanija li tifforma parti minn MNE jkollha tippreżenta dikjarazzjoni ta’ informazzjoni dwar it-taxxa komplementari fil-pajjiż fejn tkun ibbażata, u dan jista’ jieħu ħafna ħin u jkun ikkumplikat.

Huwa essenzjali li l-Kunsill jadotta din il-proposta malajr biex jiġi żgurat li r-regoli simplifikati għall-obbligi ta’ rapportar japplikaw fil-ħin għall-ewwel rapportar, li għandu jsir sat-30 ta’ Ġunju 2026. Id-Direttiva hija mistennija ġġib tnaqqis sinifikanti fil-piż amministrattiv, peress li l-preżentazzjoni ċentrali se tikkonċerna biss madwar 4 000 entità, meta mqabbel mal-madwar 180 000 li jkunu meħtieġa jagħmlu preżentazzjoni individwali fin-nuqqas tad-Direttiva. Id-DAC 9 hija wkoll għodda maħsuba biex tiggarantixxi implimentazzjoni aktar faċli tal-Pilastru II iżda se teħtieġ iż-żmien biex tiġi implimentata. Dewmien ulterjuri ma jgħinx biex il-Pilastru II jinġieb fis-seħħ fil-ħin.

Fid-dawl tan-natura teknika tal-proposta u tal-urġenza li l-proposta tiġi adottata, ir-rapporteur tipproponi li l-Parlament japprova l-proposta mingħajr emendi skont proċedura simplifikata mingħajr emendi (l-Artikolu 52 tar-Regoli ta’ Proċedura).

[1] 28.10.2024 COM(2024)0497 Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni.